**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 16 ta' Ottubru 2019**

**Att ta' Akkuża Nru. 07/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Angelo Bilocca u Priscilla Cassar**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzati Angelo Bilocca u Priscilla Cassar detenturi tal-karta ta' l-identita rispettivament 556978(M) u 60982(M) fl-Att ta' l-Akkuza li iggib in-numru 07 tal-2015 akkuzati talli :

**(1) reċidivi f'delitti, assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew,**

**ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u dan skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**(2) lill-imsemmija Priscilla Cassar wahedha, reċidiva f'delitt, talli xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat, b'dana illi r-reat huwa suġġett għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tmintax-il xahar skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 111(2)(a) u fl-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Ottubru 2018 fejn fil-kaz ta' ANGELO BILOCCA, gew michuda l-ewwel, it-tieni u ir-raba' eccezzjoni mressqa minnu. Fil-kaz tat-tielet eccezzjoni gie ordnat l-isfilz mill-istqarrija tal-akkuzat tad-domandi u tar-risposti elenkati fl-istess sentenza. Fil-kaz tal-hames eccezzjoni l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha salv li din tkun tista' tigi mqanqla mill-gdid, jekk ikun il-kaz, quddiem l-Imhallef li jkun qed imexxi l-guri. Fil-kaz ta' PRISCILLA CASSAR, kienu michuda l-eccezzjonijiet kollha mressqa minnha. Dwar il-punt imqajjem mill-Avukat Generali dwar it-talba tal-akkuzata ghax-xiehda tal-ko-akkuzat Angelo Bilocca, l-Ewwel Qorti iddecidiet li din id-decizjoni ghandha tittiehed waqt is-smigh tal-guri.

**3**. Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat Angelo Bilocca fit-22 ta' Ottubru 2018 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u dan billi :

i. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni immarkata bl-ittra "C".

ii. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahhdet l-eccezzjoni immarkata bl-ittra "D".

iii. thassarha fejn cahdet u/jew ma laqghetx l-eccezzjonijiet immarkati bl-ittri A, B u E, u minflok tilqa' dawn l-istess eccezzjonijiet u tghaddi sabiex taghti dawk id-direttivi necessarji u dan a tenur tal-artikolu 499(6) tal-Kodici Kriminali.

**4**. Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-akkuzata Priscilla Cassar fit-22 ta' Ottubru 2018 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad minghajr riserva l-eccezzjoni tal-Avukat Generali.

**5**. Rat ir-risposti imressqa mill-Avukat Generali ghaz-zewg rikorsi intavolati mill-akkuzati, it-tnejn ipprezentati fit-22 ta' Novembru 2018, fejn l-Avukat Generali talab illi l-aggravji imressqa mill-appellanti Bilocca u Cassar jigu respinti u s-sentenza appellata tigi kkonfermata.

**6**. Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi z-zewg akkuzati isibu oggezzjoni ghad-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2018 fejn essenzjalment kienu michuda l-eccezzjonijiet preliminari imqanqla minnhom diretti biex ixejjnu l-Att ta' l-Akkuza ipprezentat mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta kif ukoll l-evidenza li l-Prosekuzzjoni fi hsiebha tressaq permezz ta'

l-opinjoni tal-esperti mahtura mill-Qorti Dr. Martin Bajada u l-Ispizjar Mario Mifsud. Illi z-zewg appelli ser jigu trattati flimkien f'din id-decizjoni bl-aggravji imqanqla mill-appellanti ikkunsidrati *seriatim*, bl-ewwel aggravji ezaminati jkunu dawk tal-appellant Angelo Bilocca segwiti b'dawk sollevati mill-appellanti Priscilla Cassar.

**A. L-inammissibilita` tal-evidenza imressqa permezz tar-rapport u x-xiehda tal-esperti Dr. Martin Bajada u l-Ispizjar Mario Mifsud billi din hija msejsa fuq provi cirkostanzjali elevati fil-kors tal-investigazzjoni fejn ma kienx hemm kontinwita fl-hekk imsejjha '*chain of evidence*'.**

**9**. L-appellant Bilocca jilmenta illi bid-decizjoni li tat l-Ewwel Qorti, u cioe' fejn kien deciz illi l-ilment ventilat mill-akkuzat Bilocca ghandu jigi mholli ghad-decizjoni tal-gurati meta fl-istadju tal-guri tigi ezaminata l-evidenza u meta allura hemmhekk ikun jista' jigi stabbilit jekk il-katina tal-evidenza gietx miksura, l-Ewwel Qorti kienet qed tabdika mid-doveri legali taghha billi dan l-ilment kellu jigi minnha indirizzat qabel ma jigi celebrat il-guri. Fil-fehma tal-appellant, ir-regoli tal-ligi dwar l-evidenza huma regoli legali li ghandhom jigu decizi mill-gudikant togat u mhux mill-gurija popolari. Jishaq illi fil-fatt anke l-legislatur haseb sabiex tali kwistjonijiet jigu determinati qabel ma jigi kompost il-guri fl-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

**10.** Ghandu jinghad qabel xejn illi l-ligi tippostula distinzjoni bejn il-valur probatorju ta' evidenza u l-inammissibilita' taghha biex b'hekk prova tista' tkun ammissibbi izda madanakollu minghajr ebda valur probatorju billi per ezempju ma tigix awtentikata, jew ma tkun indikata l-persuna li rredigiet l-istess, jew l-origini ta' l-istess. Allura ghalkemm huwa minnu li jithalla

f'idejn min hu imsejjah biex jiggudika fuq il-fatti tal-kaz sabiex iqis jekk prova ghandhiex piz probatorju o meno, u dan wara li jsir ezami tal-kwadru kollu tal-fatti, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-ammissibilita o meno ta' tali prova, li, kif gustament jishaq l-appellant, hija kwistjoni li ghandha tigi determinata qabel ic-celebrazzjoni tal-guri mill-Imhallef togat u dan kif stabbilit fl-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali iccitat mill-istess appellant.

**11**. Issa l-Ewwel Qorti hekk iddecidiet dwar din l-eccezzjoni :

> **"Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet imqajjma mill-akkuzat hi dwar ic-'chain of evidence' ta' zewg esperti u cioe' dwar Dr. Martin Bajada u l-Ispizjar Mario Mifsud. Skont l-akkuzat f'din il-katina ta' evidenza hemm xi holoq li huma nieqsa. Dan il-fatt wahdu jirendi z-zewg xhieda hawn fuq imsemmija bhala xhieda inammissibbli. L-Avukat Generali ghandu fehma kompletament differenti u hu tal-fehma li din mhiex kwistjoni ta' inammissibilita' ta' xhieda. Illi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet huma riprodooti hawn fuq u ma hemmx il-htiega li jergghu jigu riprodotti hawnhekk. Fil-fehma ta' din il-Qorti hu car li din hi sitwazzjoni li ghandha tigi deciza waqt il-guri. Il-partijiet ser ikollhom l-opportunita' li jivverifikaw din ic-'chain of evidence' quddiem il-gurija. Il-gurija ser ikollha l-fatti kollha a dispozizzjoni taghha u l-imhallef li ser jippresjedi l-guri ser ikollu l-opportunita' li jindirizza u jidderigi l-gurija fuq dan il-punt. Ghalhekk dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-akkuzat ma jistghux jigu milqugha."**

**12**. Minn dan il-bran tad-decizjoni, jidher li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi jinkombi fuq l-Imhallef togat biex fl-istadju opportun jispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza ta' l-istess u dan skont ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li nghad mill-appellant, bl-ebda mod ma abdikat mid-doveri taghha, ghaliex l-ilment ta' l-appellant ghandu jirrizulta unikament mill-provi li ser jinstemghu fil-kors tal-guri u dan meta jitressqu l-provi dwar kif sehhet l-investigazzjoni mill-pulizija, meta u minn min gew elevati r-reperti u f'idejn min kienu mghoddija

sakemm waslu ghand il-Qorti. Il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira meta tigi biex tqis jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-ammissibbilita` taghha, ghaliex prova ghandha titqies illi hija inammissibbli biss jekk "*la questione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso....* [1]"

**13**. Kien deciz :

> **"Fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smigh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u aprioristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghall-'facts in issue".[2]"**

**14**. Issa huwa ndubitat illi x-xiehda u r-rapporti tal-esperti Dr. Martin Bajada u l-Ispizjar Mario Mifsud huma rilevanti ghall- "*facts in issue*" fil-kaz in dizamina ghaliex jixhtu dawl mhux biss fuq il-kwalita' u l-kwantita' ta' droga li hija l-qofol ta' l-vertenza, izda ukoll ghaliex l-konkluzjonijiet tal-espert tal-informatika jistghu jixhtu dawl fuq il-kongura kriminali li tifforma l-bazi tal-ewwel kap ta' l-att ta'l-akkuza u l-uniku kap li bih jinsab mixli l-appellant Bilocca.

**15**. Fl-ilment tieghu l-appellant mhuwiex jikkontesta r-rilevanza ta' tali prova, izda qieghed jattakka l-ammissibilita` tal-istess ghaliex jikkontendi li mill-atti kumpilatorji ma tohrogx is-sekwenza tal-fatti mill-mument li l-apparat cellulari li fuqu l-espert Dr. Bajada ghamel l-analizi tieghu, kif ukoll

---

[1] Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL

[2] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Elhamshi Elghaoud et. deciza 09/01/2003

id-droga li giet analizzata mill-Ispizjar Mifsud gew elevati mill-pulizija, sal-mument meta mbaghad dawn l-esebiti ghaddew ghand l-esperti bil-ghan li jigu analizzati sabiex b'hekk dik l-evidenza hija nieqsa mill-kontinwita' fil-preservazzjoni taghha u ghalhekk tista' ixejjen il-validita' taghha ghaliex kontaminata. Fil-fehma tal-appellant dan ifisser li kwalunkwe konkluzjonijiet li ghamlu l-esperti ghandha tigi skartata *a priori* u min hu msejjah biex jiggudika ma jistax tistrieh fuq l-istess meta jigi biex jaghmel il-gudizzju tieghu.

**16**. Din il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni li hadet l-Ewwel Qorti illi l-prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza ghandha tohrog minn dak li se jghidu x-xhieda quddiem il-gurati – mhux qabel. Dawn ix-xhieda huma l-ufficjali tal-pulizija kollha li kienu nvoluti fl-investigazzjonijiet wiesgha li saru li wasslu sabiex ikunu mixlija bil-kongura kriminali ta' importazzjoni ta' droga mhux anqas minn sitta min-nies fosthom l-akkuzati/appellanti, xhieda li huma kollha indikati mill-Avukat Generali fil-lista tax-xhieda li tinsab annessa mal-Att ta` l-Akkuza.

**17**. Din il-Qorti xorta wahda ezaminat b`reqqa l-atti tal-kumpilazzjoni u b'mod specjali r-rapporti tal-esperti Bajada u Mifsud. Jibda biex jinghad illi r-rapporti ta' dawn l-esperti esebiti fl-atti kumpilatorji huma biss kopja ta' rapporti li tressqu fl-atti ta' kawza ohra u cioe' dik kumpilatorja fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Jose Manuel Domingo Benito**". Fil-fatt l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija b'rabta ma' din il-kongura kriminali li saret bil-ghan li tigi importata d-droga f'Malta, kif inghad, kienet wahda wiesgha u wasslet sabiex jigu mixlija diversi persuni, mhux l-akkuzati/appellanti odjerni biss. Fil-fatt mill-inkjesta magisterjali li segwiet l-*iter* ta' dan l-event kriminuz, kopja ta' liema *proces verbal* hija esebita fl-atti kumpilatorji, tressqu quddiem il-qorti b'kollox sitta min-nies inkluzi l-akkuzati/appellanti sabiex b'hekk l-provi li gew ippreservati fl-atti tal-

inkjesta kienu destinati ghal aktar minn kaz wiehed. Dan ifisser illi l-oggetti materjali li fuqhom sar l-ezami forensiku ma kenux lanqas materjalment ezebiti fl-atti tal-kumpilazzjoni izda f'process gudizzjarju iehor. Ma jidhirx illi d-difiza irregistrat oggezzjoni ghal dan il-fatt u cioe' ma kienx hemm opposizzjoni illi jigi ipprezentat rapport forensiku rigwardanti ezami li sar fuq oggetti materjalment esebiti f'kumpilazzjoni ohra. Fil-fatt id-droga u oggetti ohra relatati mal-qbid ta' l-istess kienu formalment esebiti mill-*exhibits officer* Andre Azzopardi, liema esebiti huma markati bhala Dokument AA u gew kodifikati bhala KB/511/2012[3]. L-apparat cellulari kien esebit materjalment fil-kors tal-kumpilazzjoni "**Il-Pulizija vs Jose Manuel Domingo Benito**" bin-numru tal-esebit KA226/2013[4].

**18**. Illi fil-fatt minn ezami ta' dawn iz-zewg rapporti li, kif inghad, huma esebiti biss permezz ta' kopja ta' l-original, jirrizulta l-*iter* li kien segwit mill-mument li dawn l-oggetti gew elevati sal-mument li gew f'idejn l-imsemmija esperti u wara gew esebiti l-Qorti.

**19**. Illi fl-ewwel lok fir-rigward tar-rapport ta' l-espert Dr. Martin Bajada jirrizulta illi kienu ezaminati b'kollox tnax-il apparat cellulari appartenenti lil certu Paul Ogochukwu Offor (tnejn immarkati bhala dokument PO), Jose Manuel Domingo Benito (tnejn immarkati Dokument MB), Charles C. Majimor (tnejn immarkati bhala Dokument CM), l-appellant Angelo Bilocca (wiehed immarkat Dokument AB), l-appellanti Priscilla Cassar (wiehed ta' kulur roza immarkat bhala Dokument PC), u erbgha appartenenti lil Kingsley Wilcox (immarkati bhala Dokument KW). Minn dan ir-rapport, jew ahjar mill-kopja tieghu, jirrizultaw id-data, post u hin meta gew elevati dawn id-dokumenti u minn min gew hekk elevati, u cioe' mill-ufficjali tal-

---

[3] Ara fol.884 tal-kumpilazzjoni

[4] Il-Qorti hadet *judicial notice* ta' dan il-fatt.

pulizija PS1174, PS635, PS191 u PC10. Dawn l-ufficjali tal-pulizija huma kollha indikati bhala xhieda mill-Avukat Generali u ghalhekk sejrin jiddeponu waqt il-guri sabiex jispjegaw dak li ghamlu fil-kors tal-investigazzjoni. Issa ghalkemm huwa minnu illi fil-kors tal-kumpilazzjoni dawn l-ufficjali tal-pulizija ma giex lilhom mistoqsi specifikatament biex jidentifikaw l-apparat cellulari minnhom elevat, madanakollu jirrizulta illi sa dak il-mument dawn kienu materjalment esebiti f'kawza ohra, u allura din il-verifika ma setghetx issir, verifika madanakollu li ghad tista' issir fil-kors tal-guri, meta l-Avukat Generali jressaq talba *ad hoc* sabiex jingiebu dawn l-esebiti, sabiex il-gurati jkunu jistghu jiehdu konjizzjoni taghhom.

**20**. Issa mix-xiehda tal-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, li kien wiehed mill-ufficjali gholja tal-pulizija li kien qed imexxi dan l-istharrig, jirrizulta illi dan l-apparat cellulari gie mghoddi fil-pussess tieghu, wara li saret l-elevazzjoni tal-istess. Huwa mbaghad ghaddiehom lill-espert Dr Bajada li kien gie mahtur fil-kors tal-*in genere*[5]. Fil-fatt mill-imsemmi rapport tal-espert Dr Bajada ghandu jirrizulta illi dawn id-dokumenti gew mghoddija lilu "*by hand*" mill-Assistent Kummissarju Theuma fis-07 ta' Ottubru 2012[6]. Dan ifisser allura illi ma hemm xejn irregolari fl-elevazzjoni u s-sussegwenti preservazzjoni tal-apparat cellulari maqbud u ezaminat. Dan maghdud, madanakollu dina l-prova xortawahda ghandha issir fil-kors tal-guri u jekk dan ma jsirx, allura tkun nieqsa dik il-kontinwita' fil-katina tal-evidenza li tirrendi valida l-prova li ghandha issir permezz tar-rapport tal-imsemmi espert.

**21**. Jigi rilevat finalment illi l-inkarigu tal-espert ma kienx wiehed limitat ghall-ezami tal-apparat cellulari, izda ukoll sabiex isiru *call u sms profiles*

[5] Fol.134 et seq. tal-kumpilazzjoni

[6] Ara submission forms annessi mar-rapport tal-espert Bajada fol.586 u 587

permezz ta' informazzjoni mghoddija lill-espert mill-provedituri tas-servizz, liema prova allura hija ukoll wahda ammissibbli u valida purche' l-istess ukoll tigi ikkonfermata bil-gurament fil-kors tal-guri.

**22**. Ghar-rigward tar-rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud jidher illi dan ukoll gie prezentat mhux fl-original billi dan kien esebit fil-kumpilazzjoni **Il-Pulizija vs Jose Manuel Domingo Benito**, tant hu hekk illi l-espert jindika illi d-droga li kienet giet esebita fl-atti ta' dik il-kumpilazzjoni giet mghoddija lilu mid-Deputat Registratur Benjamina Mifsud. Illi ukoll fuq dan ir-rapport hemm indikat illi din id-droga giet ippreservata minn PS 122 Arthur Borg li kien inhatar fl-atti tal-inkjesta bhala ufficjal tax-xena tar-reat.

**23**. Illi mix-xiehda ta` PS 122 jirrizulta illi din id-droga giet elevata mill-kamra numru 645 tal-lukanda Tropicana gewwa Ball Street, Paceville, nhar it-02 ta' Ottubru 2012 fil-waqt tal-arrest ta' Jose Manuel Domingo Benito li kien alloggat f'din il-kamra[7]. Dan it-'trab ta' lewn bajdani' li nstab fil-pussess ta' Domingo Benito gie kodifikat mill-espert bl-ittri u numri 12CWB202 u 12CWB203. Skont l-imsemmi rapport, dawn l-esebiti imbaghad gew mghoddija lil PC 1525 Patrick Farrugia, ukoll nominat fl-*in genere*, ghal aktar investigazzjonijiet fil-05 ta' Ottubru 2012. Mhux biss izda d-droga giet fotografata mill-ufficjal tax-xena tar-reat PS 465 Daniel Abela, kopja tar-rapport tieghu kien ukoll esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni. Illi mix-xiehda tal-PC 1525, li kien nominat espert tal-impronti digitali, moghtija fil-kors tal-Istruttorja, fejn gie minnu esebit kopja tar-rapport imhejji[8], jirrizulta illi d-droga li fuqha huwa ghamel l-analizi ghall-marki tas-swaba kienet minnu esebita waqt il-kumpilazzjoni **Il-Pulizija vs Jose**

[7] Ara kopja ta' rapport tal-PS122 esebiet bhala Dokument AB a fol. 263 et seq.

[8] Xiehda u rapport Dokument PF jinsabu a fol.373 et seq.

**<u>Manuel Domingo Benito</u>** fejn hemmhekk huwa pprezenta l-original tar-rapport li hejja. Din id-droga mbaghad giet mghoddija lill-espert Spizjar Mario Mifsud mid-deputat Registratur Benjamina Mifsud u wara li saru l-ezemijiet mill-espert rega` marret il-qorti. Tant hu hekk illi din id-droga kienet imbaghad formalment esebita in atti bhala Dokument AA mill-*exhibits officer* Andre' Azzopardi li indika wkoll in-numru tal-esebit, kif inghad.

**24**. Tenut kont tal-fatti premessi, jirrizulta illi 'l hekk maghrufa bhala *chain of custody* tal-esebiti tirrizulta mhux biss mill-provi u d-dokumenti esebiti fl-istruttorja, izda ghandha tirrizulta fuq kollox mill-provi li ser jinstemghu fil-kors tal-guri u kwindi ma jistax jinghad f'dan l-istadju illi tali prova kostitwita mir-rapporti tal-esperti Dr. Martin Bajada u L-Ispizjar Mario Mifsud hija inammissibbli.

**25.** Ghalhekk tichad l-aggravju tal-appellant Bilocca.

**B. <u>L-eccezzjoni imqangla mill-appellant Bilocca marbuta mal-addebitu tar-recidiva li fil-fehma tieghu hija legalment zbaljata</u>**

**26**. Illi l-ilment li ressaq l-appellant Bilocca dwar id-decizjoni tal-Ewwel Qorti marbuta mal-istess eccezzjoni hija fl-essenza l-istess bhal dik ta' l-ewwel aggravju minnu imqanqal meta jsostni illi l-Ewwel Qorti abdikat mid-doveri taghha meta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess u halliet sabiex dan il-punt ta' dritt jigi deciz fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri mill-Imhallef li jkun qed imexxi l-istess guri. L-Ewwel Qorti iddecidiet l-eccezzjoni hekk :-

**“Din il-Qorti hi tal-fehma li tajjeb li l-akkuzat qajjem dan il-problema f'dan l-istadju. Dan il-problema jqum jekk l-akkuzat jinstab hati biss u allura l-avukati fis-sottomissjonijiet dwar il-piena jkunu jistghu jqanqlu dan il-fatt quddiem l-imhallef sedenti li jkollu jiehu decizjoni fuq dan il-punt qabel ma jghaddi ghas-sentenza. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tusurpa l-poteri tal-imhallef li ser ikun qed imexxi l-guri. Ghalhekk dwar dan il-punt din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-punt salv li dan il-punt jibqa mpregudikat ghall-akkuzat.”**

**27**. Illi jibda biex jinghad illi qabel ma jinghata l-verdett finali dwar l-akkuzi addebitati lill-persuna akkuzata, ma jistax jingieb a konjizzjoni ta` l-gurati l-addebitu tar-recidiva li bih il-persuna akkuzata tkun giet mixlija. Dan isir biss wara. Allura kull kwistjoni jew prova ta’ fatt marbut ma’ dan l-addebitu ghandu jigi imressaq ghad-decizjoni tal-gurati wara li jinghata tali verdett li necessarjament irid ikun wiehed ta’ htija, sabiex b’hekk wara li jitressqu provi fir-rigward, u mbaghad jigu iggwidati mill-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri, huma jindirizzaw dina l-akkuza finali. Fil-fatt l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi :

**Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m’għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, <u>ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta’ dan l-aħħar reat</u>.**

**28**. Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament li hareg minn provvediment li tat il-Qorti Kriminali fis-27 ta’ April 2009 fil-kawza **<u>Ir-Repubblika ta’ Malta vs Gamil Abu Bakr</u>** fejn inghad :

**“Id-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat, stante li kif jiddisponi l-artikolu**

**489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat. In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara sottomissjonijiet mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w "inter alia" jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza.**

**Ghalhekk jekk il-Qorti, kif issa komposta, b' Imhallef togat biss, tiddeciedi hi jekk l-addebitu tar-recidiva jirrizultax f' dan il-kaz, tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-gurija li hi biss kompetenti li tiddeciedi dan wara li tigi "properly addressed" mill-Imhallef togat fl-istadju oportun u cioe' wara li u jekk ikun hemm verdett ta' htija kontra l-akkuza.**

**Konsegwentement f' dan l-istadju din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tesprimi ruha w tiddeciedi jekk it-termini kontemplat fl-artikolu 50 skadiex jew le f' dan il-kaz u tista' tirrizerva li taghmel dan biss waqt xi indirizz ulterjuri lill-gurati fl-istadju opportun jekk u wara li jkun hemm xi verdett ta' htija.**"

**29**. Jinghad ulterjorment illi minn ezami tal-fedina penali tal-appellant Bilocca ghalkemm huwa minnu illi tirrizulta sentenza moghtija fil-konfront tieghu fl-2011, fejn kienu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li allura ma tistax titqies bhala kundanna ai fini ta' recidiva[9], madanakollu fir-rigward ta' zewg sentenzi ohra moghtija fl-2012, qabel ma tressqu l-akkuzi odjerni kontra l-appellant, il-piena erogata kienet dik ta` multa ghal delitti li jaqghu kemm taht il-Kapitolu 104 u 65 tal-Ligijiet

[9] Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

ta' Malta, kif ukoll ghal reat skont l-Att dwar l-Armi, li allura fit-termini ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ghandha issir il-prova dwar il-hlas o meno ta' l-istess sabiex jigi stabbilit jekk dik is-sentenza gietx skontata u allura jekk bediex jiddekorri t-terminu hemmhekk infraskritt ta' hames snin fil-konfront tal-appellant[10]. Issa il-Qorti ma tistax *a priori* tikkonkludi xi provi ser tressaq il-Prosekuzzjoni fir-rigward, u allura ghalkemm huwa minnu dak li tikkontendi d-difiza li x-xhud Registratur tal-Qorti ma giex indikat fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta' l-Akkuza, b`hekk wiehed ma jistax jikkonkludi illi din hija l-unika prova li l-Prosekuzzjoni bi hsiebha tressaq fir-rigward. Kwindi din il-Qorti ma tarax illi ghandha titbieghed mill-fehma tal-Ewwel Qorti.

**30. Ghalhekk dan l-aggravju ukoll qed jigi michud.**

**31. Determinati l-aggravji ta`l-appellant Angelo Bilocca, il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni *seriatim* tal-aggravji li ressqet l-appellanti Priscilla Cassar li fis-sostanza jirriflettu l-eccezzjonijiet li kienet ressqet u li kien michuda kollha mill-Ewwel Qorti.**

**I. <u>In-nullita` ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza in kwantu fil-parti narrattiva taghha gew ikkongetturati fatti mill-Avukat Generali li ma johorgux mill-atti kumpilatorji</u>**

**32**. Illi ghalkemm l-appellanti taqbel mar-ragunament li sar mill-Ewwel Qorti meta din ikkonkludiet illi fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-fatti tal-kaz sabiex jigu determinati l- eccezzjonijiet, kif ukoll li l-fatti kif narrati fl-att ta` l-akkuza ma jikkostitwixxu l-ebda prova

[10] Ara sentenza Il-Pulizija vs Anthony Said. App.Krim.Inf deciza 10/07/2015 fost ohrajn

kontra l-persuna akkuzata, madanakollu xortawahda kienet tal-fehma illi l-Avukat Generali meta gie biex jislet mill-atti kumpilatorji l-fatti li fuqhom imbaghad sejjes l-att ta` l-akkuza, enkapsolata fl-Ewwel Kap, holoq storja ibbazata biss fuq kongetturi u mhux fuq il-provi kompilati. Jishaq illi ghalkemm fil-parti narrattiva tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali jikkontendi illi l-appellanti Cassar kienet ftiehmet ma' terzi persuni sabiex tibda timporta u tittraffika d-droga kokajina, dan il-fatt ma johrogx mill-provi li ingabru matul l-Istruttorja.

**33**. Huwa ben risaput u kemm–il darba kien riaffermat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-ligi thalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali kif ifassal l-Att ta' l-Akkuza u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkuzata. L-Avukat Generali huwa marbut b`dak li jghid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :

> **"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**
>
> **(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**
>
> **(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**
>
> **(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**
>
> **(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

**34**. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika, u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-Imhallef togat. Lanqas ma tista' l-appellanti tallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd taghha ghal smigh xieraq ladarba hija ser tghaddi process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkuzi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, bid-dritt ta' l-akkuzata li tressaq difiza xierqa u adegwata fejn ikollha kull opportunita` tipprova ixejjen il-provi li ggib il-Prosekuzzjoni.

**35**. Illi din il-Qorti ezaminat l-atti kumpilatorji. Bla ma tidhol f`ezami jew apprezzament tal-fatti tal-kaz ghax dak mhuwiex kompitu taghha f`dan l-istadju, tirrileva li mix-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz, johrog illi l-appellanti Cassar instabet fil-*farmhouse* fis-Siggiewi flimkien mal-appellant Bilocca meta saret il-*controlled delivery* tad-droga mill-pulizija bl-ghajnuna ta` Wilcox u Majimor, dan fil-mument illi kien gie miftiehem ma' Bilocca illi d-droga kellha tigi ikkonsenjata minn Majimor u Wilcox, ghalkemm f'dak il-mument *ad insaputa* ta' Cassar u Bilocca dawn it-tnejn minn nies kienu qed jassistu lill-pulizija. Il-pakkett tad-droga, li gie sostwit mill-pulizija bi dqiq, gie ikkonsenjat f'idejn Bilocca li beda jifthu b'Cassar prezenti hdejh. Kienet l-appellanti Cassar li mbaghad attirat l-attenzjoni ta' Bilocca li kien hemm il-pulizija prezenti tant illi allegatament harrbet u ppruvat anke tahbi l-pakkett.

**36.** Madankollu dawn il-fatti, ghalkemm jemergu mill-atti kumpilatorji, iridu jigu ppruvati fil-kors tal-guri u mbaghad jithalla fid-diskrezzjoni tal-gurati sabiex, wara li jkun spjegat lilhom id-dritt li jirregola r-reat tal-assocjazzjoni, jaslu ghall-gudizzju taghhom dwar jekk l-istess fatti jistghux

iwasslu ghal dikjarazzjoni ta’ htija. Il-ligi ma taghtix setgha lil din il-Qorti illi tiddeciedi jekk l-Avukat Generali kellux ragun meta fil-parti narrattiva tal-Ewwel Kap ta’ l-Akkuza abbina dawk il-fatti, li jirrizultaw mill-atti, mar-reat li bih huwa akkuza lill-appellant Cassar fl-Ewwel Kap. Zgur mhux forsi illi Cassar kienet prezenti flimkien ma’ Bilocca fuq ix-xena tar-reat, izda jekk ikkommettietx atti li jwasslu ghal kongura kriminali hija materja li dwarha jistghu jikkonkludu biss il-gurati. Wara li dawn ikunu semghu l-provi kollha, jispetta lilhom biss id-dmir li jiddeciedu dwar il-htija tal-appellanti, skont ir-reat li bih tinsab akkuzata, jekk tkun tirrizulta ppruvata l-htija taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**37.** Billi ma jirrizultax illi l-Avukat Generali mar kontra id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, ma hemmx in-nullita` ta`l-Att ta’ l-Akkuza.

**38. L-ewwel aggravju tal-appellanti Cassar huwa michud.**

**II. <u>In-nullita` tat-Tieni Kap ta` l-Att ta’ l-Akkuza in kwantu l-fatti migjuba f’dan il-Kap ma jistghux jikkostitwixxu r-reat mahsub fl-artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi dan ir-reat ma jistax jigi kommess minn min jikkommetti r-reat principali</u>**

**39**. Id-decizjoni ta` l-Ewwel Qorti dwar l-eccezzjoni sollevata mill-appellanti Cassar taqra hekk :-

**"Fl-ghar ipotezi ghall-akkuzata dan il-kap ghandu jitqies bhala wiehed alternattiv ghall-ewwel wiehed. Ghandu jigi rilevat li d-dicitur tal-artikolu 111 tal-Kodici Kriminali ma teskludix il-fatt li min jikkometti r-reat ewlieni ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat. Jekk wiehed jaqra l-bran ezebit mill-avukat ta' l-akkuzata fejn il-Professur Anthony Mamo jaghmel referenza ghal dan ir-reat isib illi l-awtur jikkonsidra din ic-cirkostanza bhala "...a continuatiion of his principal offence" (fol. 85 tal-volum ta' l-att ta' l-akkuza). Hawn ukoll id-direzzjoni tal-imhallef sedenti lis-sinjuri gurati tkun determinanti fuq l-aspetti legali ta' dan it-tieni kap ta' akkuza."**

**40.** L-appellanti tilmenta illi dan il-kap ma jista' qatt jitqies bhala alternattiv ghall-ewwel kap, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, billi d-dottrina prevalenti hija fis-sens illi l-fatt li wiehed jikkommetti r-reat principali jeskludieh milli jkun passibbli tar-reat ta' sopressjoni ta' tracci ta' dak id-delitt ewlieni.

**41**. Ir-reat tal-okkultament tal-provi gie promulgat fil-ligi penali taghna fl-1909. Kien introdott bl-artikolu 7 tal-Ordinanza VIII, li kien modellat fuq il-Codice Zanardelli tal-1889 u allura jikkorrispondi kelma b'kelma ghall-ahhar parti tal-artiklu 225 ta' dak il-kodici u jinsab inkluz taht it-titolu "*Del Favvoreggiamento*". Din id-disposizzjoni tal-Codice Zanardelli taghmel distinzjoni bejn min jassisti sabiex jigu zvijati l-investigazzjonijiet tal-pulizija wara l-kummissjoni ta' reat u min imbaghad jissopprimi jew ibiddel it-tracci materjali jew l-indizji tar-reat. Din id-distinzjoni ma saritx fil-ligi taghna ghaliex il-legislatur holoq biss dak ir-reat li jitkellem dwaru l-ahhar parti ta' dan id-dispost tal-Codice Zanardelli.

**42.** Huwa minnu dak li tikkontendi d-difiza illi ghalkemm l-ligi titkellem dwar kwalunkwe persuna, madanakollu il-Professur Sir Anthony Mamo Mamo huwa tal-fehma illi t-terminologija wzata ma tistax tinkludi l-ezekutur tar-reat li tieghu l-gudikabbli qed jipprova jissopprimi jew ibiddel jew jeqred it-tracci tieghu. Dan ghaliex l-illustri Professur Mamo jasal ghall-konkluzjoni illi jekk l-ezekutur tar-reat in dizamina jaghmel dan, l-azzjonijiet tieghu jitqiesu bhala kontinwazzjoni tar-reat principali. Inoltre l-att li bih wiehed jissopprimi jew jeqred it-tracci jew l-indizji tar-reat huwa bizzejjed minghajr ma hu necessitat xi ftehim pre-ordinat mal-ezekutur tar-reat purche' dan l-att inkriminanti jsir bix-xjenza tal-persuna u mhux b'negligenza jew zball. L-intenzjoni trid tkun tali illi tizvija jew tizgwida l-id tal-gustizzja u r-reat huwa konsumat, anke jekk l-malvivent ma jkunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

**43.** Illi dawn l-elementi tar-reat madanakollu ma jistghux ifissru *a priori* illi l-Avukat Generali huwa prekluz milli jixli l-persuna akkuzata bil-kummissjoni tar-reat meta dan jixlieh ukoll bhala ezekutur tar-reat ewlieni. Kif, b'analogija, mhuwiex prekluz illi min hu akkuzat bir-reat tas-serq jigi mixli ukoll b'dak tar-ricettazzjoni, ghalkemm l-awtur tar-reat tas-serq qatt ma jista' jinstab hati ukoll b'dak tar-ricettazzjoni billi l-bejgh tal-oggetti li jkun seraq, u cioe' tar-*res furtiva* jitqies bhala kontinwazzjoni tar-reat tas-serq.

**44**. Illi l-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali jipprospetta s-sitwazzjoni fejn l-akkuzat jigi mixli b'iktar mir-reat wiehed, li jistghu jkunu konnessi u jistghu ma jkunux, fejn hemmhekk allura l-Avukat Generali ghandu jifred dawn ir-reati f'kapi separati li ghandhom jitqiesu b'mod indipendenti minn xulxin, sakemm fil-kors tal-guri ma jkunx jirrizulta illi wiehed ghandu jkun alternattiv ghall-iehor jew inkella kompriz u involut f`kap iehor, fejn allura

l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direttivi opportuni lill-gurati meta jigu biex jaghtu d-decizjoni taghhom fuq kull kap separatament fil-verdett finali.

> ***"An indictment may contain counts in which the allegations made in one count are inconsistent with the allegations made in another count. In such a case, both counts may properly be pursued and left to the jury as alternatives if there is a case to answer made out on each. It is then for the jury to decide which, if either, of the counts is made out: R. v. Bellam [1989] A.C. 836, HL (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 1-113a, p. 54)"***

> **"Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi". Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li …l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589 tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom. …**
>
> **Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, <u>tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradicu lil xulxin</u>." (sottolinjar tal-Qorti)**

**Din il-Qorti taghmilha cara li f'dana l-istadju ma hi b'ebda mod qed torbot idejn il-Qorti Kriminali dwar kif dik il-Qorti ghandha tittratta maz-zewg kapi in ezami – it-tieni u t-tielet kap – u cioe` jekk dawn ghandhomx jitqiesu bhala alternattivi o meno. Jekk dawn ghandhomx hekk jitqiesu hija kwistjoni li ghadha miftuha, u li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddecidiha f'dana l-istadju.[11]"**

**45**. Afferrati dawn il-principji legali u dottrinali, din il-Qorti ma tistax issib ebda nullita` fit-Tieni Kap ta` l-Att ta` l-Akkuza, u ghalhekk ma tarax illi ghandha ghalfejn titbieghed mill-fehma espressa mill-Ewwel Qorti.

**46. Dan l-aggravju huwa michud wkoll.**

**III. <u>L-inammissibilita' tal-istqarrijiet u ta` l-istqarrijiet guramentati ta' Charles Christopher Majimor u Kingsley Wilcox u ta' kwalsiasi evidenza, inkluz il-proces verbal relattiv, u l-eventwali xiehda ta' dawn iz-zewg persuni fejn issir referenza ghall-*controlled delivery* peress illi din l-operazzjoni ma giet qatt sanzjonata mill-Magistrat Inkwirenti u dan in konnessjoni mal-appellanti Priscilla Cassar u ukoll ghaliex l-appellanti giet b'hekk indotta tikkometti reat mill-pulizija.</u>**

**47**. Illi mill-atti kumpilatorji jirrizulta illi l-pulizija waslet ghall-arrest ta' l-appellanti Cassar, flimkien ma' Angelo Bilocca, wara konsenja kkontrollata li saret mill-pulizija, tad-droga li allegatament kellha tasal ghand l-istess Cassar u Bilocca mill-komplici taghhom Charles Christopher Majimor u

[11] Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup

Kingsley Wilcox. Jirrizulta illi Majimor u Wilcox, fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, in segwitu ghal sejba ta' droga fil-pussess ta` certu Jose Manuel Domingo Benito, u li kien ser jikkonsenja lilhom, accettaw li jassistu lill-pulizija sabiex din tasal ghand il-persuna jew persuni li kienu ndahlu sabiex jimportaw id-droga, bl-ghajnuna tal-komplici taghhom. Skont l-appellanti Cassar, din il-konsenja kkontrollata qatt ma giet awtorizzata li ssehh mill-Magistrat Inkwirenti sabiex il-persuna taghha tigi intercettata mill-pulizija fil-kors tal-kummissjoni tar-reat, izda kienet issemmi biss lill-ko-akkuzat Angelo Bilocca. Issostni allura li fl-assenza tal-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti fil-konfront taghha, sehh hekk imsejjah *entrapement* u ghalhekk kull azzjoni li saret mill-pulizija u li wasslet ghall-arrest taghha kienet illegali, billi hija giet indotta sabiex tikkommetti reat. Tishaq illi l-provi kollha li hemm fl-atti inkluz allura ix-xiehda guramentata, stqarrijiet u *proces verbal* fejn issir referenza ghal din il-konsenja kkontrollata ghandha tigi skartata fil-konfront taghha.

**48.** Dwar dan l-ilment, li kien ukoll eccepit quddiem l-Ewwel Qorti, kien deciz hekk:-

> **"Hu car li din il-Qorti, kif inghad qabel ma tidholx fil-provi. F'din ic-cirkostanza wiehed irid jistenna l-provi li ser jigu mressqa mill-prosekuzzjoni fil-guri u imbaghad ikun il-kompitu tal-imhallef biex jindirizza il-guri 'in materja' tenut kont tal-fatti u tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz."**

**49.** Qabel xejn, tajjeb jinghad illi stratagemmi konsistenti f` operazzjonijiet ta' konsenji kkontrollati u ta` uzu ta' agenti provokaturi li permezz taghhom il-pulizija jikxfu atti kriminali mhumiex atti li jmorru kontra l-ligi. Dan isehh biss meta jintwera b'mod konvincenti li r-reat ma kienx ser jigi mwettaq li kieku ma kienx ghal dak l-intervent tal-agent provokatur, li min-naha tieghu jkun induca lill-individwu biex iwettaq reat.

Diversament ikun il-kaz jekk l-individwu koncernat xorta kellu l-hsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-agent f`liema kaz ma jkunx hemm '*entrapment*' billi ma jkunux l-agenti provokaturi l-fattur determinanti li jkunu nducew lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat.

**50.** Illi l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 jaghti xejra legali lill-istratagemma adottata mill-pulizija fil-glieda kontra d-droga meta jitfassal il-mezz ta` kif ghandha ssehh il-*controlled delivery.* Ighid hekk :-

**(1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad- Dwana, jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.**

**(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor." (**sottonlinjar tal-Qorti**).**

**51**. Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta li l-konsenja kkontrollata, debitament awtorizzata kif tghid id-disposizzjoni, ghandha il-ghan li jigu identifikati persuni li huma involuti fil-kummissjoni ta' xi reat li jaqa' taht l-Ordinanza. Fil-kaz tal-lum, l-ghan wara l-konsenja kkontrollata kien sabiex jigu identifikati dawk il-persuni involuti fl-importazzjoni tad-droga kokajina li nstabet fil-pussess ta' Jose Manuel Domingo Benito, huma min huma. Il-konsenja kkontrollata ma ssirx biex tinqabad persuna partikolari, izda kull min jista' jkun involut fil-kummissjoni tar-reat, purche` l-konsenja tkun debitament awtorizzata.

**52**. Illi din it-tifsira tinsab ukoll fil-*1988 UN Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* riprodotta ukoll fil-*2000 UN Convention against Transnational Organised Crime* fejn hija hekk definita :-

> ***The technique of allowing illicit or suspect consignments of (…) drugs (…) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, with the knowledge and under the supervision of their competent authorities, <u>with a view to identifying persons involved in the commission of offences</u> (…)"***

**53**. Illi allura l-identifikazzjoni tal-persuni involuti fil-kummissjoni tar-reat ghandha issir bl-ghajnuna ta' din it-teknika investigattiva moghtija lill-pulizija ezekuttiva jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz bil-ghan li tkun facilitata l-intercettazzjoni ta' l-persuni nvoluti.

**54**. Illi l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti sabiex tkun tista` ssir il-konsenja kkontrollata tad-droga f'dan il-kaz hija esebita fl-atti tal-kumpilazzjoni. Xehdu wkoll dwarha l-ufficjali gholja tal-pulizija involuti fl-istharrig. Ix-xiehda tirrizulta esebita bhala Dokumenti HM u HM 1 a fol. 116 et seq. tal-ewwel volum tal-atti kumpilatorji. Fil-fatt meta saret l-ewwel talba mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-Magistrat Inkwirenti nghad hekk :-

> **"Illi Kingsley Wilcox lest li hu jassisti lil Pulizija taghmel konsenja kontrollata ai termini tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' persuni li ghal issa huma skonoxxuti."**

**55**. It-talba kienet akkordata mill-Magistrat Inkwirenti b'digriet tat-02 ta' Ottubru 2012, u b'digriet iehor tat-03 ta' Ottubru 2012, fejn issemma Angelo Bilocca.

**56**. Dan premess, ghandha xortawahda issir tali prova tul ic-celebrazzjoni tal-guri b'dan ghalhekk illi l-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova illi l-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija kienet skont il-ligi.

**57**. Dan ifisser illi l-appellanti Cassar bl-ebda mod ma tista' tallega li giet indotta tikkommetti reat billi l-pulizija waslu sabiex jixluha bir-reati lilha addebitati in forza ta' operazzjoni minnhom kondotta u debitament awtorizzata.

**58**. Fis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-10 ta` Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Henry Grogan et vs Avukat Generali</u>** (mhux appellata), kien affermat illi l-konsenja kkontrollata ma tistax tigi ekwiparata ma' l hekk imsejjah *entrapment* :

> **"Illi fl-isfond tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, (ghalkemm kull kaz irid jigi evalwat fl-isfond tal-provi prodotti) din il-Qorti tqis li l-linja ta' dimarkazzjoni bejn ghemil tal-Pulizija legittimu u entrapment, huwa mfisser b'mod l-iktar artikolat fis-sentenza Regina vs Loosely (House of Lords [2001] UKHL 53) deciza fil-25 t'Ottubru 2001 :**
>
> ***"Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasise the word unexceptional. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did not more than others***

***could be expected to do. The police did not create crime artificially*."**

**59**. Kompla jinghad hekk :-

**"Il-kuncett ta' entrapment u l-Agent Provokatur huma mfissra tajjeb fi"Wharton's Criminal Evidence" :**

***"it is clear that traps may be laid and that artifice and stratagem may be employed to catch those engaged in criminal enterprises. But when a law enforcement officer induces an innocent person to commit a crime that otherwise would never had been committed, the defence of entrapment would be available in the event that the actor were prosecuted thereof. The distinction has been aptly perceived thus, "It is not the entrapment of a criminal upon which the law frowns but the seduction of innocent people into a criminal career by its officer is what is condemned and will not be tolerated."***

**60.** Allura huwa biss mid-determinazzjoni tal-provi li ser jitressqu fil-kors tal-guri li jista' jigi stabbilit jekk l-appellanti Cassar setghetx kienet indotta bhala persuna innocenti tikkommetti reat li altrimenti hija ma kenitx tikkommetti li kieku mhux ghall-agir tal-pulizija, fatt illi f'dan l-istadju ma jistax jigi determinat u wisq anqas johrog mill-atti kkompilati, billi jirrizulta illi l-konsenja kkontrollata sehhet bid-debita awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti.

**61. Anke dan l-aggravju qed ikun michud.**

**IV. <u>L-ammissibilita` o meno tal-ko-akkuzat Angelo Bilocca bhala xhud kontra taghha</u>**

**62**. Illi l-appellanti Cassar tishaq illi l-ko-akkuzat Angelo Bilocca huwa xhud determinanti, krucjali u essenzjali ghad-difiza taghha kontra l-akkuzi lilha addebitati fl-Att ta' l-Akkuza, izda bil-fatt illi l-Avukat Generali ghazel li jixli lill-imsemmi Bilocca flimkien maghha, irrenda x-xiehda tieghu bhala inammissibli fil-konfront taghha u ghalhekk qed jipprekludieha milli taghmel id-difiza taghha. Ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tidderigi lill-Avukat Generali halli jassikura illi Angelo Bilocca jkun xhud kompetenti fil-process gudizzjarju li ser isir fil-konfront taghha.

**63**. L-Ewwel Qorti ttrattat dan l-ilment fis-sentenza taghha bil-mod illi gej :-

> **"Angelo Bilocca hu l-ko-akkuzat tal-akkuzata u skont il-ligi ma jistax jiehu l-pedana tax-xhieda jekk hu ma jiddecidix li jaghmel hekk. Ghalhekk, hu car li decizjoni f'sens jew iehor trid tittiehed waqt il-guri ghas-semplici raguni li hadd ma jaf minn issa ser tkun il-pozizzjoni ta' Angelo Bilocca matul il-kors tal-guri."**

**64**. Dak li l-appellanti qeghda tistieden lill-Avukat Generali biex jaghmel, u allura qeghda titlob lil din il-Qorti tidderigi lill-Avukat Generali f'dan is-sens, huwa li tintalab is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex ladarba l-kaz kontra Angelo Bilocca jkun ghadda in gudikat huwa jsir xhud kompetenti fil-process penali istitwit kontra taghha, billi fl-ewwel lok Bilocca ma jistax jigi imgieghel jiehu l-pedana tax-xhieda dment li l-kaz tieghu ma jkunx ghadu ghadda in gudikat, u fit-tieni lok ghaliex anke jekk jaghzel li jirrinunzja ghall-jedd tieghu ghas-silenzju u jiddeponi, dik ix-xiehda tkun tiswa ghalih biss u ma tistax titqies bhala xiehda favur jew kontra l-persuna ko-akkuzata.

**65.** Illi jibda biex jinghad illi l-istitut tas-separazzjoni tal-gudizzju huwa prerogattiva tal-Avukat Generali u cioe' hija f'idejh id-decizjoni jekk iressaqx zewg ko-akkuzati sabiex jigu iggudikati flimkien jew separatament. L-Avukat Generali ghandu s-setgha jitlob is-separazzjoni tal-gudizzju, fejn imbaghad tkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeciedi jekk ghandhiex tilqa' din it-talba o meno, fl-ahjar interess ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Fid-decizjoni li tat il-Qorti Kriminali fis-17 ta` Ottubru 1946 fil-kaz Il-Maesta` Tieghu r-Re vs Joseph Vella et" kien imfisser ir-*ratio legis* b`mod dettaljat wara dan l-istitut :-

**Illi fi stadju meta kien ghadu mhux prezentat l-att ta' 1-akkuza, l-Attorney General kien fil-libertà insindakabili illi jew jaghmel atti ta' l-akkuza separati jew jaghmel att ta' l-akkuza wiehed. Infatti, skond l-art 585 Kap. 12, akkuzi kontra zewg persuni jew aktar, bhala awturi ta' l-istess reat, jistghu jingiebu f'att ta' l-akkuza wiehed. Il-kelma "jistghu" turi illi l-Attorney Generali ghandu l-fakoltà li jaghzel triq wahda jew l-ohra skond id-diskrezzjoni tieghu, illi f'dak l-istadju mhix sindakabili;**

**Illi wara li jigi ezawrit dana l-istadju, hemm stadju iehor li fih l-Attorney General jista' jitlob is-separazzjoni tal-gudizzju; izda din id-darba d-decizjoni jekk ghandux ikun hemm din is-separazzjoni jew le ma tmissx aktar lilu. L-Attorney General jista' biss jaghmel it-talba, u l-Qorti tista' tichadha jew tikkoncediha, kwante volte tkun saret din t-talba (ara Dec. "Rex vs. Micallef". 31 ta' Ottubru 1905, Imhallef Dr. Paolo Debono).**

**66**. Illi l-ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien kienet taghti dina is-setgha lill-Qorti biss meta jkun jidhrilha spedjenti li ghandu isir hekk, kliem illi illum ma ghadux adoperat fl-artikoli 594 u 595 tal-Kapitolu 9. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi r-*raison d'etre* wara d-decizjoni tal-Qorti jekk ghandux ikun hemm is-separazzjoni o meno ma ghandux iwassal sabiex igib aggravament lill-posizzjoni ta' xi akkuzat ghaliex hekk ikun qed jigi

favorit akkuzat wiehed ghad-detriment ta' l-iehor. Illum issirx it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju tispetta lill-Avukat Generali u ma tistax il-Qorti b'xi mod tindahal f'din id-diskrezzjoni.

**67.** **L-Archbold** jaghmel referenza ghall-gurisprudenza Ingliza *in materia* :

> ***"In R. v. Moghal, 65 Cr.App.R. 56, CA (an appeal based on the fact that separate trials had taken place), it was said that it is only in exceptional cases that separate trials should be ordered for two or more defendants who are jointly charged with participation in one offence. Similarly, it was said in R. v. Lake, 64 Cr.App.R. 172 at 175, CA, that it has been accepted for a long time in English practice that there are powerful public reasons why joint offences should be tried jointly; the importance is not merely the saving of time and money; it also affects the desirability that the same verdict and the same treatment shall be returned against all those concerned in the same offence; if joint offences were widely to be tried as separate offences, all sorts of inconsistencies might arise; accordingly, it is accepted practice that a joint offence can properly be tried jointly even though this will involve inadmissible evidence being given before the jury and the possible prejudice which may result from that; the practice requires that the trial judge should warn the jury that such evidence is not admissible as against a particular defendant or defendants."***

**68**. Illi s-sentenza tal-qrati taghna li dahhlet *funditus* fil-materja u fejn kien mistharreg jekk bid-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali ikunx hemm lezjoni tal-jedd tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni hija dik li nghatat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta` Marzu 2013 fil-kawza **Anthony Bugeja vs Avukat Generali et** li kienet ikkonfermata b`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-3 ta' Frar 2014. Kien deciz hekk :-

**"Fl-ewwel lok, it-tismija tal-fatti f'Att ta' Akkuża jservi biex isejjes it-talba li ssir minnu** (l-Avukat Generali) **f'kull kap tal-istess Att. Fit-tieni lok, dik it-tismija m'hijiex prova fiha nnifisha, iżda biss fehma li tfisser għaliex ikunu tressqu l-kapi tal-akkuża li jagħmlu mill-Att tal-Akkuża. Il-prosekuzzjoni trid tipprova xorta waħda u fil-grad lil hinn minn kull dubju raġonevoli dak kollu li tallega għas-sudisfazzjon tal-ġurija. Għalhekk, l-għażla mwettqa mill-intimat ma ssarrafx f'sejbien minn qabel tal-ħtija tar-rikorrent. Fit-tielet lok, it-twettiq tad-diskrezzjoni mħolli fl-Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża huwa għamil li tipprovdi għalih il-liġi nnifisha, u dan mhux biss fl-attribuzzjoni tal-fatti addebitati lill-persuna mixlija. Fir-raba' lok, it-twettiq ta' diskrezzjoni minnu nnifsu jimplika li ssir għażla mill-persuna li lilha hija mogħtija diskrezzjoni bħal dik: fejn ma jkunx hemm għażla, ma jkun hemm l-ebda diskrezzjoni, iżda sempliċi impożizzjoni awtomatika. Fil-ħames lok, dik l-għażla li tingħata lill-intimat fit-tfassila tal-Att tal-Akkuża torbot lill-istess intimat u hija mħarsa minn regoli preskritti fil-liġi li, ladarba l-persuna akkużata tkun wieġbet għax-xilja, ma tistax tqiegħed lill-persuna mixlija f'qagħda agħar u tkun torbot ukoll lill-Avukat Ġenerali nnifsu. B'dan il-mod, il-Qorti tqis li b'hekk titneħħa l-biżgħa tal-arbitrarjeta' u l-imġiba abbużiva li tista' ttebba' kull għamil diskrezzjonarju li ma jkunx intuża sewwa."**

**69**. Dan premess, huwa minnu illi f'dan l-istadju tal-proceduri il-ko-akkuzat Angelo Bilocca ma jistax jitqies li huwa xhud kompetenti fil-konfront tal-appellanti Priscilla Cassar (fl-ewwel lok ghaliex ma jistax ikun imgieghel jaghti x-xiehda tieghu dment li ghadu jitqies bhala "akkuzat" billi huwa sakrosant id-dritt tieghu ghas-silenzju, u fit-tieni lok ghaliex li kieku kellu jaghzel li jirrinunzja ghal dak id-dritt dak li jghid ikun jista` jiswa ghalih biss bla ma jkun jikkostitwixxi prova la favur u lanqas kontra l-persuna li tkun akkuzata mieghu) madanakollu tibqa` d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali kif jaghzel li jixli lil persuni akkuzati b'reat u l-ordni li fih ghandhom isiru dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma tistax b'xi mod tirregola jew tissanzjona din is-sitwazzjoni jekk mhux b`talba tal-Avukat Generali stess.

**70. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed ikun michud.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad kemm l-appell ta` Angelo Bilocca, kif ukoll l-appell ta` Priscilla Cassar, u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Edwina Grima**